Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/1076

3.6.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/1076

tat-2 ta' Ġunju 2025

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1372 fir-rigward tal-perjodu ta' applikazzjoni tal-miżuri għall-prevenzjoni tad-dħul, il-moviment u t-tixrid, il-multiplikazzjoni u r-rilaxx fl-Unjoni tal-*Meloidogyne graminicola* (Golden & Birchfield)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE [1], u b'mod partikolari l-Artikoli 30(1) u 41(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1372 [2] jipprevedi miżuri temporanji għall-prevenzjoni tad-dħul, il-moviment u t-tixrid, il-multiplikazzjoni u r-rilaxx fl-Unjoni tal-*Meloidogyne graminicola* (Golden & Birchfield) (il-"pest speċifikat").

(2) Dawk il-miżuri wrew li huma effettivi għall-prevenzjoni tal-introduzzjoni, il-moviment u t-tixrid, il-multiplikazzjoni u r-rilaxx fit-territorju tal-Unjoni tal-pest speċifikat, peress li ma nstab preżenti f'ebda żona tal-Unjoni għajr f'dik fejn kien diġà preżenti fiż-żmien tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1372.

(3) Fit-territorju tal-Unjoni, il-pest huwa preżenti biss fl-Italja. Stħarriġiet imwettqa mill-awtoritajiet Taljani fiż-żoni ta' trażżin urew li l-popolazzjoni tal-pest speċifikat naqset b'mod sinifikanti fit-tieni sena wara s-sena tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1372. Madankollu, il-preżenza tiegħu teħtieġ sforzi kontinwi sabiex jiġi żgurat li t-tnaqqis fil-popolazzjonijiet tal-pest speċifikat li għadu fl-istadju inizjali jkompli fil-futur.

(4) Fid-dawl ta' dawn ir-riżultati, jenħtieġ li l-effett tal-miżuri previsti bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1372 jiġi mmonitorjat aktar, għal sena oħra. Dan se jippermetti evalwazzjoni aktar bir-reqqa tal-effetti tagħhom fuq il-popolazzjonijiet tal-pest speċifikat preżenti fit-territorju tal-Unjoni. Abbażi ta' dik l-evalwazzjoni jista' jiġi deċiż jekk il-miżuri temporanji stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1372 humiex effettivi biżżejjed jew jekk jeħtiġux xi reviżjoni ulterjuri.

(5) Għalhekk jixraq li dawk il-miżuri japplikaw sat-30 ta' Ġunju 2026.

(6) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1372 jiġi emendat kif xieraq.

(7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

[1] ĠU L 317, 23.11.2016, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/2031/oj.

[2] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1372 tal-5 ta' Awwissu 2022 fir-rigward ta' miżuri temporanji għall-prevenzjoni tad-dħul, il-moviment u t-tixrid, il-multiplikazzjoni u r-rilaxx fl-Unjoni tal-*Meloidogyne graminicola* (Golden & Birchfield) (ĠU L 206, 8.8.2022, p. 16, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2022/1372/oj).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emenda tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1372

Fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 12 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1372, id-data "30 ta' Ġunju 2025" hija sostitwita bid-data "30 ta' Ġunju 2026".

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Ġunju 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN